**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 101/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Mark Ciantar**

**Illum 12 ta' Frar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Mark Ciantar**, iben Francis u Mary neè Psaila, imwieled Ħal-Qormi fit-28 ta' Jannar 1958, residenti Nru.85, Triq l-Idmejda, Ħal-Balzan, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0123858(M), talli nhar it-23 ta' Diċembru 2022, kif ukoll fil-granet u ġimgħat ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa Ħal-Qormi:

1. Ġiegħel annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' l-annimali li huwa kien responsabbli għalihom, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost oħrajn, il-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korrimenti u mard, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (1) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tipprojbixxi lil Mark Ciantar milli jżomm annimali jew milli jirrisjedi f'post fejn jiżammu l-annimali għal dak iż-żmien li jista' jkun stabbilit Minnha, ai termini ta' l-Artikolu 45(1)(b) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Mark Ciantar iħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attività regolata taħt l-Att 439 tal-Liġijiet ta' Malta u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq bħala riżultat ta' dak ir-reat jew reati, u dan skond l-Artikolu 45(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-kwerela tad-Direttur għat-Trattament Xieraq ta' l-Annimali a fol. 5 u 6 tal-proċess u rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta a fol. 28 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3, 4 u 7 sa' 27 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Martha Gatt[2], ta' Stephen Carabott[3] u ta' Robert Gauci[4], ilkoll in rappreżentaza tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali, mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2024 u rat id-dokument esebit minn Martha Gatt markat Dok. "MG" a fol. 45 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Stephen Carabott markati Dok. "SC1" u Dok. "SC2" a fol. 46 tal-proċess u a fol. 53 sa' 73 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Claire Gafà, in rappreżentanza ta' l-Island Sanctuary, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2024[5] u rat ir-ritratti esebiti minnha markati Dok. "CG" a fol. 83 sa' 85 tal-proċess, u semgħet ix-xhieda ta' Dr. Maria Karagouni mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2024[6];

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2024, il-Prosekuzzjoni ppreżentat Personal Details Form ta' Mikelina Bugeja[7], minn liema jirriżulta, li dak iż-żmien kellha 87 sena u li minħabba l-età tagħha ma kenitx se titressaq bħala xhud[8];

Semgħat it-trattazzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Fol. 42 tal-proċess.

[2] Fol. 43 u 44 tal-proċess.

[3] Fol. 47 sa' 52 tal-proċess.

[4] Fol. 74 sa' 77 tal-proċess.

[5] Fol. 79 sa' 82 tal-proċess.

[6] Fol. 93 u 94 tal-proċess.

[7] Fol. 91 tal-proċess.

[8] Vide verbal tas-seduta tat-30 ta' Lulju 2024 a fol. 90 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-23 ta' Diċembru 2022, kif ukoll fil-granet u ġimgħat ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa Ħal-Qormi: (1) Ġiegħel annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' l-annimali li huwa kien responsabbli għalihom, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost oħrajn, il-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korrimenti u mard, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Stephen Carabott**[9], in rappreżentanza tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali, xehed illi *dakinhar tat-23 ta' Diċembru 2022, jiena kont qiegħed duty bl-ambulanza, jiena u l-kollega tiegħi Robert Gauci. Għall-ħabta ta' l-għaxra u ħamsa daħlitilna call li fil-limiti Tal-Ħandaq, f'xi razzett, minn ċerta waħda Mikelina, li kienet sabet xi kelb biex jiċċekkjawlu ċ-ċippa. Meta wasalna sibna mara anzjana li qaltilna li kien daħlilha kelb xi jumejn ilu fir-razzett, qaltilna li sakkritu fil-garaxx, tagħtu jiekol u jixrob. X'ħin ħaditna biex narawh, mill-ewwel apparenza dan il-kelb sibnieh mitluq fuq sufan li kien hemm f'dan l-istess garaxx u mill-ewwel dehra tagħna l-kelb rajnieh li kien f'kundizzjoni ħażina ħafna. Biex nispjega ruħi l-kundizzjoni ħażina ħafna għalina, l-għadam ta' dahru jidher kollu, ir-ribs iż-żewġ naħat jidhru wkoll, id-diffrejn tant kemm kienu twal twistjaw 'il fuq, lumps kullimkien u discharge nieżla minn għajnejh. Peress li aħna bl-ambulanza ma dħalniex fil-fond dakinhar, peress li kienet proprjetà privata u konna ħallejniha barra, x'ħin ġejt biex inlibbislu ċ-ċinga l-kelb, ippruvajt inniżlu u dan ma setax jinżel, abbli ma kienx jimxi l-kelb tant kemm kien kundizzjoni ħażina, u erfajnieh biex imbagħad niċċekkjawlu ċ-ċippa fl-ambulanza. X'ħin wasalna viċin l-ambulanza, ċċekkjajna ċ-ċippa u sibna li l-kelb huwa reġistrat fuq ċertu Mark Ciantar b'I.D. Card 0123858(M).*

Ix-xhud żied jgħid illi *lis-Sur Ciantar kellimtu bil-mobile biss u qatt ma kellimtu personali. ... Meta kellimtu bil-mobile u spjegajtlu li sibt dan il-kelb u qalli li dan kien ilu mitluf jumejn u għedtlu li skond aħna l-kelb f'jumejn ma jiġix f'dak l-istat. Qalli li kien ilu marid u staqsejtu jekk kellux xi vet certificates imqar ta' l-aħħar sentejn, għax dik il-proċedura biex nagħtuh il-benefiċċju tad-dubju u qalli li m'għandux. Jiena għedtlu li f'dak l-istadju ma nistax nagħtih il-kelb lura kif jiena*

[9] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2024, fol. 47 sa' 52 tal-proċess.

*obbligat li nagħmel bil-liġi u għedtlu li ħa nitkellem mal-management tiegħi u nerġa' nkellmu lura. Morna fl-uffiċċji tagħna Ħal-Luqa, niżlet id-Direttur u l-Manager li kien ta' fuqi dik il-ħabta, ra l-kelb u spjegajnilu, erġajna ċempilnielu u kellimnieh viva voce. … ġie deċiż, peress li l-kelb instab f'dik is-sitwazzjoni, ma jingħatax lura, jiġi kkonfiskat u jinbdew il-proċeduri kontrih.* Mistoqsi x'sar mill-kelb, Stephen Carabott wieġeb *il-kelb tellajtu jiena stess l-APH Hospital għall-ħabta tas-siegħa u ħamsa* u għaddih lill-veterinarju li kien hemm dak il-ħin.

Carabott ippreżenta l-Animal Ambulance Call Log relattiva għal dan il-każ - Dok. "SC1" a fol. 46 tal-proċess - u ppreżenta wkoll ir-rapport li ġie mħejji dwar dan il-każ partikolari - Dok. "SC2" a fol. 53 sa' 73 tal-proċess, flimkien ma' ritratti tal-kelba fl-istat li nstabet fih dakinhar tat-23 ta' Diċembru 2022. Mir-rapport imsemmi jirriżulta, fost affarijiet oħra, li l-kelba in kwistjoni kienet reġistrata bin-numru taċ-ċippa 900108010009928.

In kontro-eżami Stephen Carabott iddikjara li huwa ma huwiex veterinarju u li huwa kellem lil Mark Ciantar wara li ġiet iċċekkjata ċ-ċippa u rriżulta li l-kelba kienet irreġistrata fuq ismu. Stqarr li ma setgħax jiftakar x'kien qallu Ciantar, għajr li qallu li l-kelba kienet ħarbet madwar jumejn qabel, żmien dan li skontu qabel ma' dak li kienet qaltilhom Mikelina Bugeja. Mistoqsi *naqblu li s-Sur Ciantar, meta ċempiltulu qatt ma nfurmajtuh li ħa tieħdu passi kontrih bil-Qorti?* Stephen Carabott wieġeb *jiena meta kellimtu l-ewwel darba, għax kellimnieh darbtejn, jiena meta sibt id-dettalji tiegħu kif jiena obbligat li nagħmel, għedtlu li sibtlu l-kelb però mhux ser nagħtihulu fl-istat li kien u għedtlu ħa nieħu parir minn ta' fuqi u kien kellmu wkoll is-Sur Etienne Bartolo, li kien il-manager ta' fuqi, li kkonferma dak li ħsibt jiena, li l-kelb mhux ħa jingħata lura għall-kundizzjoni li sibnieh aħna.*

**Robert Gauci**[10], in rappreżentanza tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali, essenzjalment ikkonferma dak li qal Stephen Carabott u ddikjara *jiena uffiċjal ta' l-Animal Welfare u flimkien ma' kollega tiegħi għandna ambulanza. Kien hemm waħda sabet kelb u morna fuqu dan il-kelb.* Stqarr li dan kien fit-23 ta' Diċembru 2022 u marru Tal-Ħandaq, u li *morna u l-kelb ma kienx qiegħed f'kundizzjoni tajba, kien magħlub u bil-kemm felaħ jimxi għax ġo razzett kellna nimxu imbagħad għamilnielu ċ-ċippa u tela' n-numru tas-sinjur ta' min hu. Il-kollega tiegħi ċempel għax aħna kif jitla' n-numru tal-microchip kif nidħlu fis-sistema u jitla' ta' min hu. Jiena ma nafux min hu għax aħna bit-telefonata. Kellimna lis-Superjuri, il-kelb x'kundizzjoni hu u qalilna li le ma nagħtuhulux.*

Mistoqsi f'liema stat kien il-kelb, Gauci wieġeb *magħlub, ma felaħx jimxi u ma kellux saħħa, kellu qishom tumuri fuqu dawk. Plus hekk hu qalilna li kien ilu li ħarablu xi jumejn li kien ilu barra.* Huwa kkonferma d-dokumenti markati Dok. "SC1" u Dok. "SC2" esebiti minn Stephen Carabott.

**Martha Gatt**[11], ukoll in rappreżentanza tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali, xehdet illi f'Diċemru 2022 Mark Ciatnar, detentur tal-Karta ta' l-Identità

[10] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2024, fol. 74 sa' 77 tal-proċess.

[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2024, fol. 43 u 44 tal-proċess.

bin-Numru 123858M, kellu tlett iklieb reġsitrati f'ismu bl-ismijiet Kuki, Kirby u Maya. Il-kelba Maya kellha n-numru taċ-ċippa 900108010009928 u kienet ġiet trasferita l-Animal Welfare u in segwitu lill-Island Sanctuary. Fir-rigward ta' dan esebit dokument markat Dok. "MG" a fol. 45 tal-proċess.

**Claire Gafà**[12], in rappreżentanza ta' l-Island Sanctuary, xehdet illi kelba li kienet għand is-Sanctuary, għaddiet għandhom mingħand l-Animal Welfare *Jannar 2023 u hi daħlet l-Animal Welfare l-aħħar ġimgħa ta' '22. Ġiet għandna f'Jannar ta' '23, kellha ċertu età, kienet kelba ftit anzjana, kienet magħluba ħafna u kellha ħafna tumors ma' ġisimha kollu. Kellha għajnejha, kellha infection f'għajnejha, kellha ħafna discharge fiż-żewġ għajnejn, ħadniha għandha l-Vet u kienet tbati ħafna biex tiġri. Kienet minn nofs daharha lura żżomm baxx ħafna biex timxi. Ħadniha għand il-vet, għamlilha check up. Bdejnielha ftit sustanzi u pinnoli biex jgħinulha il-joints peress li kienet kelba anzjana, biex tkun tista' timxi aħjar u kif irpiljat ftit iggainjajt naqra weight, għamilnilha l-operation biex neħħejnilha t-tumors ta' side minnhom. Kellna nneħħu side kollu tal-breast minn fuq s'isfel għax kien mifrux. Kellha n-naħa l-oħra wkoll però ma setax jagħmlilha żewġ operations fl-istess żmien u wara tliet xhur sar in-naħa l-oħra. … Damet bejn wieħed u ieħor erba' xhur sakemm operajniha, rajna li kienet fi stat ta' health tajjeb u t-tabib seta' jiċċertifikaha tajba u sibnilha home.* Claire Gafà ppreżentat serie ta' ritratti li juru l-kelba in kwistjoni wara li din ġiet ikkurata - Dok. "CG" a fol. 83 sa' 85 tal-proċess.

Gafà ddikjarat li sa' dak iż-żmien hija kienet ilha taħdem mal-klieb ħamsa u tletin sena u mistoqsija jekk il-kundizzjoni li fiha waslet għandhom il-kelba, setgħetx tiġi evitata, wieġbet *li tevitaha, jekk ħa joħorġu t-tumors, ma tistax tevitahom u li l-kelb minn nofs ta' daharha 'l isfel ħa tkun batuta hija każ ta' artritis, il-każ tagħha. Tista' tgħinha billi ma tħallihiex tiġi daqshekk gravi billi tieħu azzjoni mill-ewwel kif tara lump ħierġa ma' sidiha, għandha tittieħed għand vet.* Mistoqsija mill-Qorti jekk l-istat li kienet fih il-kelba, partikolarment fejn jidħlu tumors u artritis, setax jiġi f'qasir żmien jew kenitx kwistjoni ta' *progression* fuq perijodu ta' żmien, Claire Gafà wieġbet *hija progression għax inti meta joħroġ tumor l-ewwel joħroġ lump żgħir ma sider wieħed, imbagħad jibda jikber. Jekk tħallih hemm jibda jinfirex u b'hekk imtliet kollha mbagħad, imtliet is-sider kollu minn fuq s'isfel fuq żewġ naħat u kellha anke ftit ma' kuxtejha. … kienu viżibli kienu fuq barra jidhru. Ovvja x'ħin rajnihom inti ħa tgħid għandha lump, qatt ma tista' tgħid hundred percent huma tumors. Ħadniha għand il-vet u dan qalilna li huma tumors u jridu jitneħħew.*

In kontro-eżami, mistqosija jekk qabel ma waslet għandhom il-kelba kenitx ikkurata u xorta kien hemm *progression* tal-marda, Clair Gafà wieġbet *ma nistax ngħid jekk kinitx ikkurata. L-unika ħaġa però kieku kienet ikkurata, ma kinitx tavvanza daqshekk għax kieku kellha lump waħda, per eżempju kieku nkun jiena, jekk il-kelba tiegħi ħarġet lump, neħodha għand il-vet mill-ewwel.* Stqarret ukoll li jekk il-kelba kienet ikkurata, iżda l-kura twaqqfet għal xi raġuni, il-marda kienet tiżdied.

[12] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2024, fol. 79 sa' 82 tal-proċess.

**Dr. Maria Karagouni**[13], illi hija veterinarju, xehedet illi fir-rigward ta' dan il-każ li seħħ fl-2022, *unfortunately I do not have any more information since the hospital is closed for almost a year now. I did contact my previous boss that used to be the owner of the hospital to get me some access if that is possible to the previous records since there was no report attached to this document but he didn't manage to get me any information so, unfortunately, I don't really have any information, unless you have the report that I sent to animal welfare. … As far as I am concerned, the hospital belong to the government at the moment so I do not know how it is for him to get access to this information*.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel**, it-**tieni** u t-**tielet imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-23 ta' Diċembru 2022, kif ukoll fil-granet u ġimgħat ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa Ħal-Qormi: (1) Ġiegħel annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' l-annimali li huwa kien responsabbli għalihom, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost oħrajn, il-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korrimenti u mard, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda ta' Stephen Carabott, Robert Gauci u Claire Gafà u d-dokumenti, b'mod partikolari r-ritratti, esebiti minnhom, il-Qorti hija fermament konvinta li l-kelba li nstabet mill-Uffiċjali tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali fir-razzett ta' Mikelina Bugeja f'Tal-Ħandaq, nhar it-23 ta' Diċembru 2022, kienet kelba li għal ammont apprezzabbli ta' żmien ma ngħatatx trattament xieraq, dieta sana u ma sarx dak meħtieġ biex tiġi protetta mill-mard. Dana jirriżulta ferm ċar mill-istat li fiha nstabet l-imsemmija kelba, li kellha diversi tumuri mxerda ma' ġisimha, ma setgħetx timxi sew minħabba l-artrite u kienet magħluba ħafna u bid-dwiefer twal ħafna. Dak li jirriżulta mir-ritratti tal-kelba meta nstabet u wara li ngħatat il-kura meħtieġa, ħadd ma jista' jinnegah jew imerih.

Mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li l-kelba in kwistjoni kellha n-numru taċ-ċippa 900108010009928 u kienet reġistrata fuq Mark Ciantar, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 123858(M), ossia l-imputat f'dawn il-proċeduri.

---

[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2024, fol. 93 u 94 tal-proċess.

Il-Prosekuzzjoni kellha però tipprova **lil hinn minn kull dubju raġonevoli** li kien nuqqas ta' Mark Ciantar, *qua* sid reġistratat tal-kelba, fuq perijodu ta' żmien, ossia 23 ta' Diċembru 2022 u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel, li wassal lill-kelba fl-istat li instabet fih u b'hekk tipprova, **dejjem lil hinn minn kull dubju raġonevoli**, li huwa naqas mill-obbligi imposti fuqu mil-Liġi - senjatament l-Artikolu 8(2),(3) u (4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta - dwar il-ħarsien ta' annimal taħt il-kura tiegħu u b'hekk wettaq reati kontra tali Att.

Mill-provi prodotti jirriżulta ċar li d-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali ibbaża l-kwerela tiegħu fil-konfront l-imputat, u llum il-Prosekuzzjoni tibbaża l-azzjoni tagħha fil-konfront tiegħu, a bażi ta' l-affermazzjoni ta' Mikelina Bugeja li l-kelba in kwistjoni kienet daħlet fir-razzett tagħha fi stat ħażin **jumejn qabel** ma ċemplet għall-Ambulanza ta' l-Annimali, ossia jumejn qabel it-23 ta' Diċembru 2022, **u** fuq l-affermazzjoni ta' l-imputat lil Stephen Carabott u uffiċjali oħra tad-Dipartiment, li l-istess imsemmija kelba kienet ħarbet **jumejn qabel** ma saret tali komunikazzjoni u li fi kwalunkwe każ kienet ilha żmien marida iżda ma għandux ċertifikat ta' veterinarju in sostenn ta' dan.

Il-Qorti tqis però li kuntrarjament għal dak pretiż mill-Prosekuzzjoni, dawn iż-żewġ affermazzjonijiet, ossia dak affermat minn Mikelina Bugeja lill-uffiċjali tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali, u dak affermat mill-imputat ukoll lill-uffiċjali tad-Dipartiment għall-Ħarisen ta' l-Annimali, ma jikkostitwixxux prova ammissibbli tal-ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Ix-xhieda mogħtija minn Stephen Carabott u Robert Gauci in kwantu rigwarda r-rapport li għamlet Mikelina Bugeja magħhom u dak li qaltilhom meta marru għall-kelba, u cioè li **jumejn qabel** ma għamlet kuntatt magħhom daħlet kelba fir-razzett tagħha f'Tal-Ħandaq fl-istat li fih kienu qed jarawha, hija biss *hearsay evidence* għaliex huma appuntu jirrakkuntaw dak li qaltilhom Bugeja. Stephen Carabott u Robert Gauci jistgħu jixhdu dwar dak li qaltlihom Mikelina Bugeja però ma jistgħux jixhdu dwar il-veraċità ta' dak li qaltilhom. Il-veraċità ta' dak affermat minn Mikelina Bugeja seta' jiġi stabbilit biss tramite x-xhieda diretta tagħha, xhieda li però ma ngħatatx għaliex il-Prosekuzzjoni għażlet li ma tressaqhiex bħala xhud.

Dwar il-kunċett ta' *hearsay evidence,* fis-sentenza fl-ismijiet **The Police v. Omissis**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' April 2022, ġie osservat illi: *in the judgement given in the case Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi, on the 24th October 2011, the Criminal Court held that while there are exceptions to the rule regarding inadmissibility of hearsay evidence, Current Incident Reports can only constitute proof that a report was filed and that certain facts were reported to the Police. The Court further held that such reports cannot be held as evidence as to the truth of the facts reported. In that judgement the Court referred to the case Subramaniam v. Public Prosecutor, where it was stated that: "Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact*

*that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental statement and conduct thereafter of the witness or of some other person I whose presence the statement was made". The Criminal Court went on to say that: "Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ, allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib ta' l-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 599 tal-Kap.12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhux daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi l-każ "Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija" (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti ikkonfermat digriet tal-Prim' Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress illi d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju ta' l-eċċezzjonijiet preliminari. F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-hearsay rule (Ara dwar dan il-punt Ir-Repubblika ta' Malta versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti ta' l-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk: Fil-limitu ta' l-użu li għamlet l-ewwel Qorti ta' l-okkorrenza imsemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntaql, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanzi oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti" (1 t'April 2011 "Il-Pulizija versus Fabio preseduta mill-S.T.O. il-Prim' Imħallef Dr. Silvio Camilleri).*

Għalkemm fil-każ in eżami Mikelina Bugeja ma hijiex il-vittma, hija però l-persuna li għamlet ir-rapport dwar il-kelba ma' l-awtoritaijiet kompetenti u dakinhar tat-23 ta' Diċembru 2022 kellmet direttament lil Stephen Carabott u Robert Gauci u tathom il-verżjoni tal-fatti tagħha. Għaldaqstant, il-prinċipji ġuridiċi hawn appena ċitati xorta waħda jsibu applikazzjoni fil-każ in eżami.

Kif ingħad, ix-xhieda ta' Stephen Carabott u Robert Gauci tista' tikkostitwixxi prova li dak minnhom affermat huwa dak li qaltilhom Mikelina Bugeja iżda bl-ebda mod ma jista' jikkostitwixxi prova li dak li qaltilhom huwa fil-fatt minnu. Bażikament ix-xhieda tagħhom ma tista' bl-ebda mod tipprova l-veraċità ta' dak affermat minn Mikelina Bugeja, partikolarment li l-kelba in kwistjoni kienet daħlet, fl-istat li rawha, fir-razzett tagħha jumejn biss qabel ma għamlet ir-rapport tagħha.

Għalkemm Mikelina Bugeja hija xhud ferm ċentrali w importanti għall-każ tal-Prosekuzzjoni kontra l-imputat, l-istess Prosekuzzjoni għażlet li minħabba l-età avvanzata tagħha (87 sena fiż-żmien meta setgħet titressaq bħala xhud tul il-kors ta' dawn il-proċeduri), ma tressaqhiex bħala xhud.

Għad illi l-prinċipju ġuridiku u r-regola ġenerali tal-*hearsay evidence* huwa soġġett għal xi eċċezzjonijiet, hekk kif previst fl-Artikolu 599 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, applikabbli għall-proċeduri kriminali in forza ta' l-Artikolu 645 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jiddisponi (l-Artikolu 599) li *l-Qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xhieda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd*, il-Qorti tqis li fil-każ in eżami ċ-ċirkostanzi ma humiex tali li għandhom iwassluha biex tiddipartixxi mill-prinċipju ġenerali fir-rigward ta' *hearsay evidence*.

L-unika raġuni mogħtija mill-Prosekuzzjoni biex Mikelina Bugeja ma titressaqx bħala xhud f'dawn il-proċeduri, hija l-età tagħha. Imkien ma tgħid il-Prosekuzzjoni li hemm xi impediment intellettwali jew mentali in bażi għal liema tali persuna ma setgħetx tagħti x-xhieda tagħha ai termini tal-Liġi. Filwaqt li l-Qorti tista' tifhem li huwa diffiċli għal persuna ta' età avvanzata bħal Mikelina Bugeja biex titla' l-Qorti u tagħti x-xhieda tagħha, assolutament ma tistax tifhem għaliex il-Prosekuzzjoni ma użatx l-għodda li tagħti l-Liġi stess biex din ix-xhud setgħet tinstema' xorta waħda. In effetti fir-rigward issir referenza għall-Artikolu 647 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *(1) Jekk ikun meħtieġ li tinstema' x-xhieda ta' xi persuna li minħabba l-mard jew ix-xjuħija tagħha ma tkunx tista' tidher il-qorti, dik il-persuna għandha tinstema' mill-qorti, jew jekk il-qorti hekk tordna, minn membru tal-qorti, fil-post fejn toqgħod: Iżda l-qorti tista' tiddelega s-smigħ tax-xhieda ta' kull xhud bħal dak lil wieħed mill-maġistrati għall-Għżira li fiha jkun joqgħod ix-xhud, jew lil assistent ġudizzjarju. … (3) L-imputat jew akkużat għandu jedd li jkun preżenti waqt is-smigħ tax-xhud. (4) Ix-xhieda meħuda kif jingħad f'dan l-artikolu għandha tinqara fil-qorti, u ta' dan għandha titniżżel tifkira fl-atti tal-kawża.*

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tirribadixxi li in kwantu rigward l-asserzjoni li l-kelba in kwistjoni daħlet fir-razzett ta' Mikelina Bugeja, fl-istat li nstabet fih fit-23 ta' Diċembru 2022, jumejn biss qabel ma saret it-telefonata għall-Ambulanza ta' l-Annimali, ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni fir-rigward hija biss *hearsay evidence* u b'hekk ma tistax u ma għandhiex titqies bħala prova ammissibbli, partikolarment tal-ħtija ta' l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni tibbaża l-każ tagħha fil-konfront ta' l-imputat fuq fattur ulterjuri, liema fattur, skond ir-rappreżentanti tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali, fost affarijiet oħra, jorbot ma' dak li qaltilhom Mikelina Bugeja dwar kemm kienet ilha għandha l-kelba.

Stephen Carabott ċempel lil Mark Ciantar dakinhar tat-23 ta' Diċembru 2022 biex jgħidlu li kienet instabet il-kelba reġistrata f'ismu u skond dan Carabott, Ciantar

qallu li l-kelba kienet ilha maħruba jumejn u li fi kwalunkwe każ kienet ilha marida żmien iżda ma kellu l-ebda ċertifikat ta' veterinarju dwar dan. Din id-dikjarazzjoni ta' Mark Ciantar qed titqies, mid-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali, *qua* kwerelant, u mill-Prosekuzzjoni, bħala prova tan-nuqqas ta' l-imputat li jieħu ħsieb kif suppost u meħtieġ tal-kelba in kwistjoni, u per konsegwenza bħala prova tal-ħtija tiegħu għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Kuntrarjament għal dak pretiż mill-Prosekuzzjoni però, tali dikjarazzjoni ta' Mark Ciantar ma tistax tintuża bħala prova kontra tiegħu, u wisq inqas bħala prova tal-ħtija tiegħu għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni stess irriżulta bl-iktar mod ċar li meta Stephen Carabott, uffiċjal tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali, ċempel lil Mark Ciantar, Carabott u d-Dipartiment minnu rappreżentat, kwerelant f'dawn il-proċeduri, ġia kienu qed jissusspettaw li Ciantar kien wettaq reati taħt il-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dak il-ħin però Mark Ciantar ma ngħatax id-dritt tas-silenzju sabiex ma jinkriminax ruħu bir-risposti li seta' jagħti għall-mistoqsijiet li kienu qed isirulu. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li in segwitu għall-kwerela tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Annimali, il-Pulizija bagħtu għal Mark Ciantar sabiex jinterrogawh dwar dan il-każ u b'hekk jingħata d-drittijiet tiegħu u se mai titteħidlu stqarrija konformi mal-Liġi. Li għamlet il-Prosekuzzjoni minflok hu li straħet fuq id-dikjarazzjoni li Mark Ciantar għamel lil Stephen Carabott fi stadju bikri tal-kwistjoni, iżda meta kien gia meqjus bħala suspettat mill-Awtorità kwerelanti, mingħajr ebda forma ta' twissija dwar id-drittijiet tiegħu, fosthom id-dritt tas-silenzu. Deċiżjoni din tal-Prosekuzzjoni li mhux biss ma tagħmel ebda sens iżda hija legalment u ġuridikament għal kollox inaċċettabbli u insostenibbli.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta li bil-provi minnha prodotti, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u konsegwentement huwa ma jistax u ma għandux jinstab ħati ta' tali imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Għal dawn ir-raġunijiet, peress illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih u konsegwentement tilliberah minnhom.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**